**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**<u>Seduta ta' nhar it-Tlieta 22 ta' Novembru 2022</u>**

**<u>Rikors nru: 251/2021 AGV;</u>**

**RS gja M**

**Vs**

**Dr Joseph Bonnici u PL Veronica Rossignaud bhala kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti MS Passaport Libyan HPPPK3ZN, b' digriet datat 5 ta' Jannar 2022**

**Il-Qorti ;**

**Rat ir-Rikors Guramentat ta' RS gja  M, datat 15 ta' Ottubru 2021;**

**Tesponi umilment u bil-gurament taghha tikkonferma illi taf il-fatti personalment:**

1. Illi l-kontendenti bdew relazzjoni b'mod virtuli fit-tnax ta' Gunju tas-sena elfejn u ghoxrin (12/06/2020), u fil-fatt ghal xhur shah, stante li kienu jinsabu f'zewg pajjizi differenti, huma kienu jikkomunikaw biss bit-telefon jew fuq l-internet permezz ta' tablet;

2. Illi f'Marzu tas-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (2021), ir-rikorrenti marret tiltaqa' mal-konvenut ghall-ewwel darba gewwa Tunis, fejn hija anke zzewgitu ftit wara, u cioe` fis-sitta` t'April tas-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (06/04/2021) (Dok A);

3. Illi ftit wara z-zwieg, ir-rikorrenti giet lura f'Malta, filwaqt li l-konvenut mar lura f'pajjizu, ossia l-Libja, stante li ma setax jigi Malta, qabel ir-rikorrenti tkun irregistrat iz-zwieg u applikatlu ghall-VISA;

4. Illi kien biss f'Settembru tas-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (2021), li l-konvenut gie ghall-ewwel darba permezz ta' VISA u beda jikkoabita mar-rikorrenti;

5. Illi sfortunatament mill-ewwel bdew il-problemi bejn il-kontendenti, stante li fit-3 ta' Settembru 2021, il-konvenut dahal lura d-dar fis-sakra tant li r-rikorrenti kellha adirittura tinvolvi lill-Pulizija tal-ghassa taz-Zejtun;

6. Illi l-konvivenza fil-fatt spiccat ghall-kollox biss ftit zmien, u cioe` fit-8 ta' Settembru 2021, meta wara l-ennezmu episodju, ir-rikorrenti keccietu mid-dar taghha u ftit granet wara hu telaq mill-pajjiz;

7. Illi mill-provi ser jirrizulta li l-kunsens tar-rikorrenti inkiseb b' qerq dwar xi kwalita' tal-konvenut li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

8. Illi l-kunsens tal-konvenut ghal dan iz-zwieg kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibbli ghalih illi jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, u dan kif ser jigi ppruvat fil-kors ta' din il-kawza;

9. lli l-intimat izzewweg lir-rikorrenti ghal ragunijiet ta' konvenjenza u xejn aktar u dan ser jigi ppruvat ampjament fil-mori tal-kawza;

10. Illi ghalhekk iz-zwieg celebrat bejn il-partijiet huwa null ghal effetti kollha tal-ligi;

Ghaldaqstant in vista tar-ragunijiet premessi, ir-rikorrenti umilment titlob li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi z-zwieg tas-6 t'April 2021 li gie ccelebrat bejn il-partijiet huwa null u bla effett fil-ligi;

2. Tawtorizza lir-rikorrenti illi tirregistra l-istess sentenza fir-Registru Pubbliku ta' Malta;

Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

**Rat ir-risposta ta' Dr. Joseph P. Bonnici et noe fil-kwalita' taghhom premssa;**

1. Illi l-esponenti ma humiex edotti mil-fatti u jirriservaw minn issa li irrispondi b'mod aktar estensiv hekk kif jigu moghtija l-informazzjoni rikjesta u relattiva.
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ir-rikorrenti trid tipprova u tikkonferma bil-gurament taghha li ilha de facto separata mil-allegat assenti kemm bhala prova minnu- u/ jew terzi viva voce, kif ukoll bhala prova dokumentarja minn dawk l-istituzzjonijiet necessarji sabiex jivverifikaw l-allegata assenza;
3. Illi minghjr pregudizzju ghas-suespot, ir-rikorrenti trid tipprova li ghamlet l-almu taghha sabiex tinnotifika lil-istess intimat bil-proceduri stipulati skont il-ligi inkluz il-kap. 12 tal-Ligijet ta' Malta;
4. Illi minghjar pregudizzju ghas-suespst, ir-rikorrenti trid tipprova illi verament kien sar prospett regenevoli kif miltub fil-ligi u li hemm cirikostanzi evidenti illi ma jikkonkorrux il-kwalitajiet rikjesti mil-ligi sabiex il-kuntratt taz-zwieg, jigi dikjarat null. Annulita' trid tigi ppruvata ab initio.
5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost,ir-rikorrenti ukoll trid tipprova li l-allegat assenti ragel verament, mhux prezenti hawn Malta, u li telaq lura jew f' pajjiz iehor, b' tali mod u manjiera ta' abbandun ghal ragunijiet mhux imputabbli lilu.
6. Ir-rikorrenti trid tipprova li hi ma ma kienetx ko partecipi ghal dawk l-eventi u cirkostanzi li skont hi jillimitaw favur it-tezi taghha li z-zwieg ghandu jigi dikjarat null unikament b' responsabilita' unika tal-intimat zewgha.

7. Illi in oltre’ trid tigi ppruvata li z-zwieg taghhom kien validu ghal effetti u finijiet kollha tal-Ligi, nostrani.
8. Salv eccezzjonijiet ultejuri.

Rat id-dokumenti esebiti.
Semghet il-provi.
Rat l-atti kollha tal-kawza.

**IKKUNSIDRAT:**

Illi mill-provi prodotti l-Qorti ghandha biss il-verzjoni ta’ fatti kif esposti mill-attrici, peress illi l-konvenut baqa’ ma giex rintraccat, u ghalhekk il-Qorti m’ghandhiex il-verzjoni tieghu. Illi skond l-affidavit tal-attrici, il-partijiet kienu zzewgu f’April 2021 wara li lienu ltaqghu ‘online’ u ghamlu ftit xhur gherusija. L-attrici tghid li kien ihossha tajba fil-presenza tieghu, u anke t-tfal taghha kienu jmorru tajjeb mieghu. Huma kienu zzewgu gewwa t-Tunezija, u wara gew joqoghdu Malta, fl-eqqel tal-pandemija tal-Covid.

Ghall-habta ta’ Settembru ta’ dik is-sena, inqalghu xi incidenti fejn il-konvenut ghamel lejl shih barra d-dar u gie lura fi stat ta’ intossikazzjoni mix-xorb, tant li l-attrici ma hallietux jidhol god-dar. Ftit jiem wara, rega’ inqala’ incident iehor simili, u l-attrici keccietu barra mid-dar. Mhux talli ma baqax id-dar, izda l-attrici saret taf li kien telaq minn Malta u ma rritorna qatt lura. Ghalhekk dan iz-zwieg dam biss ftit xhur. Minn kliem l-istess attrici, ma kien hemm ebda impenn min-naha tal-konvenut biex jghix hajja mizzewga. Hekk kif sab l-opportunita’, hu qabad u telaq u abbanduna l-familja.

Illi r-rikorrenti qed tibbaza l-azzjoni odjerna fuq l-artikoli 19(1)(c), 19(1)(d) u 19(1)(f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti għandha quddiemha talba sabiex iż-żwieġ bejn l-attrici u l-konvenut, li ġie kkontrattat fis-6 ta' April 2021, jiġi ddikjarat null u bla effett fil-liġi ai termini tal-Artikoli 19(1)(c) u/jew 19(1)(d) u/jew 19(1)(f) tal-Att Dwar iż-Żwieġ.

F'dan l-istadju, l-Qorti ser tgħaddi sabiex tiddiskuti l-kawżali li fuqhom hija msejsa l-kawża odjerna u cioe l-Artikoli 19(1)(c) u 19(1)(f) tal-Att dwar iż-Żwieġ, illi jistipulaw:

> ***19. (1) B'żieda mal-każijiet fejn żwieġ ikun null skont xi disposizzjoni oħra ta' dan l-Att, żwieġ ikun null:***
> ***(ċ) jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalità tal-parti l-oħra li tista' mix-xorta tagħha tfixkel serjament il-ħajja miżżewġa;***
> ***(d) jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha, jew b'anomalija psikoloġika serja li tagħmilha impossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;***
> ***-omissis-***
> ***(f) jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu, jew ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ;***

L-artikolu 19(1)(c)

Dwar l-Artikolu 19(1)(ċ) u cioe' li l-kunsens tar-rikorrenti nkiseb b'qerq dwar xi kwalita` tal-parti l-oħra li tista' mix-xorti tagħha tfixkel serjament il-ħajja

miżżewġa, issir referenza għall-kawża fl-ismijiet **Pierina Micallef vs. Bentanfous Amor**[1] fejn ġie dikjarat li:

> "Kwantu għal "qerq" …. dan ċertament hu motiv ta' nullita` tal-ftehim jew tal-kuntratt kif hekk del resto jiddisponi l-Artikolu 981(1) tal-Kodiċi Ċivili. L-egħmil doluż pero` ma jista' qatt ikun preżunt u għandu jiġi pruvat (Artikolu 981(2)). Il-qerq irid ikun tali li jkun jista` jbiegħed ir-raġuni u jegħleb il-volonta`".

Espożizzjoni tat-tifsira tal-qerq fit-termini tal-liġi tagħna taż-żwieġ ingħatat fil-kawża fl-ismijiet **Mary Farrugia vs John Farrugia**[2]. Il-Qorti sostniet illi l-qerq irid jinċidi direttament fuq l-intellett ta' xi waħda mill-partijiet fiż-żwieġ u indirettament fuq il-volonta` tal-persuna ngannata. Fil-każ tal-qerq, huwa l-intellett tal-partijiet li jintlaqat mhux il-kunsens. "Kif jispjega il-ġurista Jose' Castano "Il dolo causa direttamente errore nell'intelletto del paziente, il quale ex errore consente." Dan il-qerq jista' jiġi kemm minn waħda mill-partijiet fiż-żwieġ kif ukoll minn terza persuna.

Din il-kawzali hija msejsa fuq l-Artikolu 19 (1) (c) tal-Kap. 255. Intqal illi:- "Biex tissussisti s-sitwazzjoni ravvisata fil-paragrafu in dizamina iridu jikkonkorru erba' affarijiet: (1) il-qerq perpetrat bil-hsieb li wiehed jikseb il-kunsens tal-parti; (2) li l-qerq ikun incida fuq il-kunsens tal-parti; (3) li l-qerq ikun jirrigwarda xi kwalita' tal-parti l-ohra; u (4) li din il-kwalita' tkun tista' mix-xorta tgahha tfixkel serjament il-hajja mizzewga."[3] Issir referenza ghas-sentenza **A Borg vs Paula sive Polly Borg**[4]:- fejn il-qerq li jwassal ghan-nullita' ta' zwieg gie definit bhala "qerq dwar dawk il-kwalitajiet oggettivament gravi li jincidu fuq l-essenza, il-proprjetajiet u l-ghanijiet tazzwieg." Fuq l-istess linja ta' hsieb is-sentenza

---

[1] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Diċembru, 2002
[2] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Marzu 1995
[3] **Mary Farrugia vs Joseph Farrugia** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fit-13 ta' Marzu, 1995
[4] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Mejju, 1995

**Carmelo sive Charles Mifsud vs Anna Mifsud**: "Il-qerq irid ikun serju bizzejjed li fixkel serjament il-hajja mizzewga."[5]

Illi l-Qrati tagħna dejjem sostnew li ż-żwieġ ikun null skond dan is-subartikolu jekk waħda mill-partijiet tagħti l-kunsens tagħha għax tkun ġiet imqarrqa jew mill-parti l-oħra jew minn xi ħaddieħor dwar xi kwalita` tal-parti l-oħra. Bi kwalita` tal-persuna, il-Qorti tifhem illi l-qerq ikun relatat mal-persuna innifisha bħal ma hija persuna marida, infertili jew afflitta mill-ġenn, jew ivvizzjata bid-droga bl-alkoħol jew bil-logħob tal-ażżard, li taħbi tali vizzju jew mard mill-konjuġi l-ieħor qabel iż-żwieġ, jew persuna t'orjentazzjoni sesswali mhux kif mistenni fir-relazzjoni partikolari.

L-attrici tissottometti illi zewgha qarraq biha qabel izzewgu u anke fil-mument li kkontratta iz-zwieg mieghu, u dan meta hu wriha wicc b'iehor sakemm ottjena li ried. Fil-fatt fix-xhieda taghha, hi tispjega kif appena bdew jghixu flimkien wara z-zwieg, b'mod partikolari, wara li ghaddiet il-kwarantina mandatorja tal-pandemija, huwa inbidel u beda jaghmel affarijiet li skontha kien qablu li ma kellhomx isiru precedentement, bhal jghix hajja ta' guvni.

Ghalkemm il-Qorti hi konvinta li fil-fatt il-konvenut qarraq bir-rikorrenti, din il-Qorti ma tistax ma tikkumentax fuq il-fatt, li r-rikorrenti m'ghandhiex tiehu z-zwieg b'mod tant legger, iktar u iktar meta jirrizulta mill-provi prodotti minnha stess li hija diga' ghaddiet minn esperjenzi simili precedentement.

<u>L-artikolu 19(1)(d)</u>

Il-Gurisprudenza nostrana[6], f'dan ir-rigward stabilixxiet illi: "*d-discretio iudicii huwa fformat minn tliet elementi bazici li gew ben definite minn M.F. Pompedda:*

[5] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Novembru, 2002

[6] **Melanie Borg Cachia v Joseph Borg** deciza mill-Imhallef Raymond Pace nhar id-29 ta' Mejju 2003

*"Quindi possiamo ritenere che la discretio o maturitas iudicii, implica nell'ordinaria giurisprudenza rotale tre aspetti, cjoe' tre elementi ben definiti: una sufficiente conoscenza intelletuale circa l'oggetto del consenso; il raggiungimento di una sufficiente valutazione proporzionata al connubio, ossia una conoscenza critica; e infine la liberta' interna, cioe' la capacita' di deliberare con sufficiente valutazione dei motivi e con autonomia della volonta' da qualsiasi impulso interno determinante."* (**M.F. Pompedda** – Ancora sulla nevrosi e perosanlita' psicopatiche in rapporto al consenso matrimoniale, in Borderline, Nevrosi e Psicopatie in riferimento al consenso matrimoniale nel diritto canonico, Roma 1981).

Fis-sentenza **Alessandra sive Sandra McMonagale qabel Mamo vs Mario Mamo** deciza mill-Prim'Awla fis-26 t'Ottubru 2000, il-Qorti irriteniet illi jkun hemm id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens ta' l-ewwel parti tal-paragrafu (d) imsemmi kemm-il darba jirrizulta li:

> "fil-mument tal-ghoti tal-kunsens parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta kritikoestimattiva jew kritiko-valutattiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, ghalhekk ma hux sempliciment nuqqas ta' hsieb, nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati - in fatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju. Anqas ma jfisser li ghax ikun hemm element ta' indecizjoni jew dubju dwar ghazla tal-istat ta' hajja, dana huwa necessarjament dovut ghal nuqqas (serju) ta' diskrezzjoni ta' gudizzju. Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-Artikolu 19 (1) (d) irid ikun hemm l-inkacapita psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens

> mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti u li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali."[7]

Kif gie ritenut imbaghad fil-kawza **Janet Portelli vs Victor Portelli**[8]:

> "It seems that discretion of judgement or maturity of judgement can be lacking, if any one of the following three conditions or hypothesis is verified: (1) when sufficient intellectual knowledge of the object of consent to be given in entering marriage is lacking (2) when the contracting party has not yet reached a sufficient amount of reflection that is proportionate to the conjugal affair, that is a critical reflection apt for the nuptial; (3) or finally when either party contracting marriage is deprived of internal freedom, that is, that capacity to deliberate with sufficient weighing of the motives and, on the part of the will, freedom (autonomia) from all force from within."

Il-Qorti hija konvinta li entrambi l-partijiet kienu konsapevoli ta' xi jfisser zwieg, iktar u iktar meta bhala stat ta' fatt l-attrici anke kienet mizzewga drabi ohra fil-passat. Ghalhekk in-nullita` a bazi tal-artikolu 19(1)(d) qed jigi respint.

L-artikolu 19(1)(f)

In tema gie ritenut illi "Irid mill-ewwel jigi senjalat principju fundamentali fil-ligi civili, u cjoe' li z-zwieg bejn il-kontendenti ghandu jkun prezunt li jkun wiehed validu. Ghalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawza li taghmel prova sodisfacenti tal-allegazzjonijiet rispettivi taghha dwar l-allegazzjoni, u cjoe' li z-zwieg huwa null ghaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega. Rigward id-disposizzjoni kontenuta fis-sub-inciz (f) fuq imsemmi biex dan id-difett ikun jirrizulta jkun jehtieg li jigi ppruvat sodisfacentement li z-zewg

[7] **Emmanuel Camilleri v Carmen Camilleri** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta' Novembru, 1995
[8] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-14 t'Awwissu, 1994

partijiet jew wahda minnhom fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali tkun eskludiet iz-zwieg innifsu jew eskludiet element essenzjali tal-hajja mizzewga jew id-dritt ghall-att taz-zwieg u din l-eskluzzjoni tkun saret b'att pozittiv tal-volonta' ta' dik il-parti."[9]

Dan is-subinciz (f) jirreferi ghal dawk ic-cirkostanzi fejn xi hadd mill-partijiet ikun ha decizjoni ghalkemm kien ser jippartecipa fic-certimonja taz-zwieg huwa kien qieghed jeskludi jew iz-zwieg innifsu jew xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg b'tali mod li z-zwieg ikun qieghed jigi eskluz. Fis-sentenza **Sharon Lanzon mart Francis Attard vs Francis Attard** inghad:

> "Il-kunsens taz-zewg persuni fir-rabta taz-zwieg jehtieg att volontarju li wiehed konxjament jinghaqad ma' persuna ohra bl-intenzjoni li jghix hajtu kollha ma' dik il-persuna u bejniethom jikkreja shubija fejn jaghtu lilhom infushom lil xulxin,""Meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wahda mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja hu kapaci jaghti kunsens validu ghaz-zwieg, pero bl-atti tieghu qabel u fil-bqija tal-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga...........jew inkella fejn waqt il-kunsens hu jew hi eskluda xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga..."

Il-Qorti hi konvinta li ghalkemm il-konvenut dahal ghal dan iz-zwieg huwa kien eskluda l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga u dan mhux biss ghaliex kif appena spiccat il-kwarantina mandatorja beda johrog sal-hinijiet bikrin ta' filghodu, izda anke ghaliex jirrizulta li mal-ewwel intopp, qabad u telaq mill-pajjiz daqslikieku ma kienx ragel mizzewweg minflok ma' pogga bilqieghda ma'

---

[9] **Joseph Zammit vs Bernardette Zammit**" deciza mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Jannar 2006

martu biex jipprova jsalva l-istess zwieg. Huwa evidenti ghall-Qorti li l-konvenut ried biss illi jkollu opportunita' jidhol f'pajjiz tal-Unjoni Ewropea u jkun liberu li jaghzel u jaghmel li jrid. Din m'hijiex l-attitudni ta' persuna li dahlet ghall-impenn taz-zwieg b'mod sincier. Ghalhekk il-Qorti taqbel li l-attrici rnexxielha tipprova l-kaz taghha biex iz-zwieg jigi annullat, u ser tilqa' t-talbiet attrici.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara z-zwieg tal-partijiet bhala null a bazi tal-artikolu 19(1)(c) u 19(1)(f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Tilqa' t-tieni talba u tawtorizza lir-rikorrenti tirregistra l-imsemmija sentenza fi hdan ir-Registru Pubbliku.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut, ghalhekk provizorjament ghandhom ikunu a kariku tar-Registratur tal-Qorti, rikuperabbli jekk u meta l-istess konvenut jigi rintraccat.

**Imhallef**
**Onor. Anthony G Vella**

**Cettina Gauci- Dep Reg**